**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

***Minuti tal-Laqgħa Numru 51 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 17 ta' Marzu 2014 fl-4.00 p.m.***

**Presenti :**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat (wasal fl-16.18 pm) |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |

**Skuzati:**

| | |
|---|---|
| **Kunsillier** | Vincent A Galea (ma jiflaħx) |
| **Ambaxxtriċi Żgħażugħa** | Rebecca Chircop (Kellha l-lezjonijiet) |

**51/01 Talba**

51/01/01 Il-laqgħa bdiet fl-4.05 ta' wara nofsinhar billi ntqalet it-talba.

**51/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħat Numru 49 u 50.**

51/02/01 Is-Sindku talab li l-Minuti 49/03 jiġu emendati kif ġej:-

51/02/02 Emenda biex f'Minuta 49/08/13 tinbidel u tiġi taqra hekk :
'Waqt li rega beda jitkellem il-Kunsillier Muscat, il-ħin kien 9.22 pm, s-SE infurmat li hija ma setgħetx toqgħod iżjed fil-laqgħa. Il-Viċi Sindku nforma lis-SE li ftit ieħor baqa' sabiex tispiċċa l-laqgħa madwar 5 minuti. Is-SE qamet bil-wieqfa u tablet li tiġi skużata għax ma setgħetx toqgħod iżjed filwaqt li bdiet tiġbor l-affarijiet tagħha. Is-Sindku nforma lis-SE li baqa' verament ftit ieħor u ma setgħetx taqbad u titlaq il-barra mill-laqgħa imma s-SE baqgħet sejra l-barra mis-Sala tal-Laqgħa. Il-ħin kien 9.25pm. Peress li ma kienx hemm SE il-laqgħa tal-Kunsill kellha tieqaf ħesrem.'
Din l-emenda ġiet approvata unanimament.

51/02/03 Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti tal-Laqgħa Numru 49/06 kif emendati. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv (SE) iffirmaw il-Minuti tal-Laqgħa 49/06.

51/02/04 Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti tal-Laqgħa Numru 50/06. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv (SE) iffirmaw il-Minuti tal-Laqgħa 50/06.

**51/03 Punti mtella' mill-Minuti tal-Laqgħat Nru. 49 u 50**

51/03/01 **Para 49/03/01**:- Is-SE infurmat li hija se tibgħat il-Minuti tal-laqgħat tal-2013 għall-*binding* fil-jiem li ġejjin. Il-Kunsill reġa' talab biex dan isir kemm jista' jkun malajr.

51/03/02 **Para 49/03/02**:- ***Tender* għax-xiri u installazzjoni ta' *lifter***: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dan it-*tender* ser jagħlaq fit-18 ta' Marzu 2014. Il-Viċi Sindku s-Sur Mark Azzopardi u l-Kunsillier Christopher Fenech ser jkunu prezenti għall-ftuħ flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv (SE).

51/03/03 **Para 49/03/03**:- **It-Torri tas-Semoforu**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-SE kienet kitbet lis-sid tal-għalqa ta' ħdejn it-Torri sabiex jerġa' jibni l-ħajt tas-sejjieħ peress li qiegħed jagħmel ħsara lit-Torri. Is-SE intalbet tibghat *reminder*. Is-SE infurmat li kitbet lis-Sur Stigter biex tfakkru dwar il-polza tas-sigurta' u sabiex jiffirma l-formola tal-ARMS. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sur Stigter stieden lill-Kunsillieri sabiex imorru jaraw ix-xogħol li qiegħed isir fit-Torri. Il-Kunsill laqgħa din l-istedina. Is-SE ser issegwi l-*items* pendenti u tirranga appuntament ħalli ssir żjara fit-Torri.

51/03/04 **Para 49/03/05**:- **Ġnien tal-Ponta**: Is-SE infurmat li kellha appuntament il-*Paying Agency* fejn iddiskutew ix-xogħolijiet li fadal, il-fondi fuq kull *line item* u dwar it-tlestija tal-proġett. Is-Sindku u l-Kunsillier Alfred Muscat flimkien mas-SE iltaqghu mal-Periti Chris Grech u Stanley Cortis u l-kuntrattur fuq is-sit ta' Ġnien il-Ponta fejn iddiskutew l-aħħar xogħolijiet. Is-SE għandha titlob lill-*Paying Agency* estenzjoni fuq id-data ta' egħluq sabiex jkunu jistgħu jgħalqu l-proġett. Ġie unanimament approvat li l-Perit joħroġ il-*work order* lill-kuntrattur sabiex isir ir-*railing* u jinqalgħu s-siġar li kienu mietu sabiex jitħawlu oħrajn ġodda. Rigward il-*coping* għandu jsir kampjun u l-kuntrattur jipprovdi stima.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill lis-sejħa għax-xiri tal-bankijiet u *litter bins* inħarget u tgħalaq fit 18 ta' Marzu 2014, filwaqt li l-*works order* lil ELC għal *Landscaping Works* għadha pendenti. Is-SE qed tistenna ukoll mingħand il-kuntrattur sabiex iġib kampjun tal-ġebla tal-pavimentar u stima għall-pavimentar tal-passaġġ ta' wara l-Ġnien. Is-SE intalbet tkompli issegwi dan ix-xogħol u tieħu ħsieb li tibgħat il-*Project Progress Report* lill-*Paying Agency*.

51/03/05 **Para 49/03/06**:- **Triq San Gwann**: Is-Sindku infurma lill-Kunsill li s-SE kitbet lit-Transport Malta (TM) dwar il-*bollards* li nqalghu fi Triq San Ġwann u sabiex jsiru l-*cat eyes* mal-ġnub tat-triq ħalli jindikaw aħjar it-triq. Is-SE intalbet is-segwi.

51/03/06 **Para 49/03/07**:- **Laqgħa mas-*CEO* tal-*Green MT*** – Is-SE infurmat lill-Kunsill li hija flimkien mal-Kunsillier Muscat reġgħu iltaqgħu mas-*CEO* tal-*Green MT* fejn talbuh l-pagamenti pendenti, dwar il-boroz u l-*bring-in-site* fost affarijiet oħrajn. Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-pagament ta'€1000 mingħand *Green MT* kien wasal. Is-SE intalbet isegwi li jaslu l-boroz il-grizi. Is-Sindku reġa ġibed l-attenzjoni li l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart imħallat se jagħlaq f'Marzu 2014. Huwa talab lis-SE sabiex tfittex toħroġ is-sejħa għall-offerti immedjatament. Is-SE infurmat lil-Kunsill li hija qegħda taħdem fuq dan it-*tender*.

51/03/07 **Para 49/03/08**:- **Triq Indipendenza *:*** Is-SE infurmat li kif ikollha r-ritratti hi ser tibghat l-ittra lil TM.

51/03/08 **Para 49/03/09**:- ***Euro Clean:*** Is-SE infurmat li għad trid tiċċekkja l-kontijiet tal-kuntrattur dwar id-*diesel* ħalli jkun jista' joħroġ il-pagament. Il-Kunsill innota li dan ix-xogħol issa ilu pendenti u hemm bżonn li jiġi konkluz malajr.

51/03/09 **Para 49/03/10 :- Festival tal-Ħalib 2014** – Is-Sindku flimkien mal-Kunsillieri Christopher Fenech u Vincent A Galea u s-SE iltaqgħu mas-Sur Mario Camilleri l-Għemmieri fejn iddiskutew l-Festival tal-Ħalib li ser isir il-Hadd, 6 t'April 2014. Din is-sena l-attivita' se tittella' mill-Kunsill peress li ġejna infurmati li l-Gvern Ċentrali mhux f'posizzjoni li joħroġ fondi u ser jipprova jgħin billi jipprovdi l-*istalls* u jagħmel laqgħat mal-produtturi tal-ħalib u jipprova iġib l-annimali għal-wiri. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li jaħtar lill-kumpanija *Leisure Animation Enterprises* bħala l-*event coordinator* tal-Festival tal-Ħalib. Il-Kunsill iddeċieda ukoll li ssir laqgħa ma din il-kumpanija sabiex niddiskutu l-organizzazzjoni tal-festival u mal-għaqdiet tar-raħal bil-għan li nħeġġuhom jipparteċipaw f'dan il-festival. Is-SE għandha tieħu ħsieb l-applikazzjonijiet għall-permessi sabiex issir l-attivita' u jkunu jistgħu jingħalqu t-toroq, li ssir laqgħa mal-Pulizija u tikteb lit-Trasport Pubbliku dwar it-rotot tal-karozzi tal-linja. Għandhom jitqassmu avvizi lir-residenti u jsir reklamar tal-attivita' kif ukoll *Press Conference.* Il-ħaddiema klerikal tal-Kunsill ser jintalbu sabiex jgħinu fil-jum tal-attivita'. Is-SE avżat li dak in-nhar hi għandha impenn ieħor u ma tistax tattendi imma se tieħu ħsieb li tikkoordina x-xogħol minn qabel.

51/03/10 **Para 49/03/12 :-** Il-Kunsill unanimament qabel li t-tabella meħtieġa għall-Ġnien il-Ponta tiġi ordnata mingħand il-kuntrattur. Is-SE flimkien mal-Perit ser tara x'jgħidu l-linji gwida ta' kif għandha ssir din it-tabella u toħrog il-*works order*.

51/03/11 **Para 49/03/14:- Sejħiet għall-Offerti**: Rigward l-offerta' għas-servizz ta' *Live Streaming*, is-Sindku nforma li l-kuntrattur kien ipprovda l-*Performance guarantee* u issa jonqos li jiġi iffirmat il-kuntratt biex jibda x-xogħol. Is-SE intalbet sabiex isegwi mill-qrib u tiżgura li x-xogħol kollu jitlesta sal-aħħar ta' Marzu 2014.

Il-Kunsill unanimament qabel li jirrizolvi f'Bord tal-Aġġudikazzjoni għas-sejħa tal-Ġbir tal-Iskart Goff (*Collection of Bulky Refuse*). Il-Kunsill ra l-offerti kollha li ntefgħu sad-data tal-għeluq. Il-Kunsill unanimament approva li tintgħażel l-offerta' tal-kuntrattur *Dimbros Ltd* peress li din kienet l-aktar waħda vantaġġjuża għaliex ir-rata tal-ġbir kienet l-aktar waħda irħisa kif ukoll fil-passat dan il-kuntrattur dejjem ta servizz tajjeb. Is-SE intalbet tinforma lil dawk kollha li kienu tefgħu offerta' b'din id-deċizjoni kif ukoll biex eventwalment toħroġ il-*Letter of Acceptance* lil *Dimbros Ltd*. Is-Sindku u s-SE ġew awtorizzati sabiex eventwalment jiffirmaw il-kuntratt ma *Dimbros Ltd.*

51/03/12 **Para 49/03/17 Ilment 18114083204463** – Is-SE infurmat li għad trid tikteb lill-TM sabiex issir *traffic hump* fi Triq il-Kbira quddiem il-Kappella u oħra fi Triq Dun Karm Vella. Hi qeda tistenna li tirċievi r-ritratti.

51/03/13 **Para 49/03/19 Plakek ħdejn postijiet storiċi:-** Il-Kunsill unanimament qabel li jinġiebu aktar disinni u stimi sabiex isiru dawn il-plakek.

51/03/14 **Para 49/03/20 Kunċert Muzikali:** Ġiet ipprezentata stima mingħand is-Soċjeta' Filarmonika San Bartilmew sabiex isir il-kunċert. Il-Kunsill innota li din l-istima hi aktar mill-*budget* kollhu li l-Kunsill kien ivvota għal din l-attivita' u jonqos li jiġu koperti ukoll ħafna spejjez oħra bħal dawl, *PA system*, kiri ta' siġġijiet, *compaire*, kantant eċċ. Ġie deċiż li ma tittieħidx deċizjoni għalissa u li l-Kunsill ikompli jiddiskuti u jara *options* oħra ta' x'jista' jiġi organizzat fosthom li bl-għajnuna tal-Gvern Ċentrali tinġieb forsi l-

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt

orkestra.

51/03/15 **Para 49/05/02** ***Business Plan* 2014 -2017:** Is-Sindku talab lis-SE sabiex tibda taħdem fuq il-*Business Plan* għaliex dan id-dokument suppost li tlesta f'Jannar.

51/03/16 **Para 49/06/06 Talba nru 18114054206818** Talba sabiex kaxxa safra quddiem garaxx fi Triq Dun Salvatore Zarb titkabbar. Wara aktar investigazzjonijiet ġie unanimament deċiż li kaxxa bajda biswit il-kaxxa safra titneħħa u jiġi ipprojbit il-*parking*.

51/03/17 **Para 49/06/10** Is-SE infurmat li għad trid tikteb lill-Enemalta sabiex jinkiseb il-permess sabiex titwaħħal bozza ġdida ma arblu fi Triq Dun Karm Fenech kantuniera ma Triq Indipendenza.

51/03/18 **Para 49/07/14:** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Awditjar tal-kotba finanzjarji tal-Kunsill ser isir bejn l-1 u 4 t'April 2014.

51/03/19 **Para 49/07/17** Korrispondenza dwar *Accessibility Award*. Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni tirrekjedi informazzjoni fuq il-lokalita' eċċ. Il-Viċi Sindku ser jipprovdi din l-informazzjoni.

51/03/20 **Para 49/08/03 Poloz tas-Sigurta**: Is-SE infurmat li għad trid tiċċekkja jekk il-poloz eżistenti jistgħux jiġġeddu u jekk le għandha tinħareġ sejħa ġdida sabiex jinġabru stimi.

51/03/21 **Para 49/08/11 Bini tal-Kunsill l-Antik**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-eks-Kunsillier Pio Fenech irritorna ċ-ċwievet tal-bini tal-Kunsill l-antik u issa l-*Adventure Group* qed tieħu ħsiebu s-Sinj Dolores Borg. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien hemm problema tal-ilma u s-SE intalbet tieħu ħsieb dan ix-xogħol. Il-WSC bidlu il-*valve* tal-meter tal-ilma imma issa hemm bżonn li tinbidel il-kanna tal-ilma li hija tal-ħadid. Il-Kunsill unanimament approva li jsir ix-xogħol meħtieġ.

51/03/22 **Para 49/08/18 Tberik tal-Annimali:** Is-SE infurmat li l-ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija kienet intbagħtet. Il-Kapillan għad irid jikteb lill-Pulizija għall-permess.

51/03/23 **Para 49/08/19** ***Tender* tal-*Wheelchair Platform Lift*:** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-sejħa għall-offerti tal-*Wheelchair Platform Lift* ser tagħlaq nhar it-Tlieta 18 ta' Marzu 2014 f'nofsinhar meta ser jagħlqu wkoll il-kwotazzjonijiet tal-*Picnic Tables/ Benches* u tal-*Litter Bins*. Il-Viċi Sindku s-Sur Azzopardi u l-Kunsillier Fenech intalbu jkunu preżenti għall-ftuħ ta' dawn flimkien mas-SE.

**51/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

51/04/01 Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta' pagamenti mħallsa u pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali sad-data tal-laqgħa.

**51/05 Ilmenti u Suggerimenti**

51/05/01 Talba sabiex tinbena bankina fil-Pjazza tad-Dejma. Il-Kunsill unanimament ma jaqbilx li tinbena din il-bankina. Din id-decizjoni hi konformi ma deċizjoni fil-passat għal talba simili.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt

51/05/02 Il-Kunsill irċieva *email* dwar il-*parking* illegali ta' vetturi kbar fil-Pjazza. Il-Kunsill unanimament approva li jitlob lill-Gwardjani Lokali sabiex jagħmlu aktar sorveljanza fil-Pjazza.

51/05/03 Il-Kunsillier C. Fenech ressaq talba ta' resident sabiex fil-Pjazza ikun hemm *reserved parking* ieħor għal persuni b'dizabilita'. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma din it-talba peress li fil-pjazza l-ispazju huwa limitat u diġa' hemm spazju riżervat għall-persuni b'dizabilita'.

51/05/04 Il-Kunsillier A. Muscat informa lill-Kunsill li resident kien qallu li l-Kunsill Lokali tan-Naxxar xtaqu iwaħħlu mera fit-Triq San Gwann konfini man-Naxxar. Il-Kunsill unanimament qabel li din titwaħħal.

**51/06 Korrispondenza**

Ġiet innotata l-Korrispondenza elenkata fil-lista ppreżentata mis-SE fosthom:

51/06/01 Applikazzjonijiet ġodda għall-iżvilupp mal-MEPA

51/06/02 Korrispondenza mill-WSC dwar *Proposal Sewer Extension* at Sqaq Tal-Ħofra Għargħur .

51/06/03 Ċirkulari mill-AKL Nru. 18/2014 dwar *Social work services to older persons (60-Plus) from Local Councils.* Is-SE intalbet biex tikkonferma l-interess tal-Kunsill.

51/06/04 Korrispondenza mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa dwar Żjarat Kulturali fil-Mellieħa.

51/06/05 Korrispondenza dwar *Youth Exchange* - Alexander Zafirov

51/06/06 Korrispondenza dwar *Youth Exchange* Tanya Trayanova.

51/06/07 Korrispondenza dwar *Youth Exchange* - Pencho Radkovski.

51/06/08 Korrispondenza mid-DGL dwar NESA 2014 Linji Gwida.

51/06/09 Korrispondenza mid-DGL dwar *Capital Vote 7237 - EU-funded projects in Localities.* Is-SE ser tinforma lill-Kunsill f'laqgħa oħra dwar din il-korrispondenza.

51/06/10 Korrispondenza mingħand Clifford Vella dwar bejgħ ta' kotba tiegħu. Il-Kunsill unanimament approva li jinxtraw 3 kotba għall-librerija pubblika.

51/06/11 Korispondenza dwar *Seminars for LCs - Overview of the construction regulations - giving a role to the LCs.*

51/06/12 Korrispondenza intitolata *Concerns and Harassment*. Ġie deċiż li din il-korrispondenza tiġi mgħoddija lill-*Authorised Officer.*

51/06/13 Korrispondenza minghand l-Onor Dr Franco Mercieca dwar Strategija Nazzjonali Dimensia - Seminar Pubbliku ta' Konsultazzjoni. Il-Kunsillier Muscat ser jattendi dan is-

Seminar.

51/06/14 Korrispondenza mill-*Majjistral Action Group* dwar il-proġett MAGF 125/17. Is-SE intalbet tibgħat l-ittra li l-Kunsill qed jaċċetta l-fondi ta' dan il-proġett sal-21 ta' Marzu 2014. Is-SE intalbet sabiex toħroċ malajr is-sejħa sabiex jiġi provdut il-konkos.

51/06/15 Korrisondenza dwar TCTC *IKIDS 2013*. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li ma jieħux sehem għalissa.

51/06/16 Korrispondenza mill-Agenzija Żgħażagħ dwar *Democratic Participation Survey*.

51/06/17 Korrispondenza mill-MEPA fejn ġejna infurmati li parti mill-*UIF* ser jibdew jintużaw sabiex jittella ħajt fejn *plots* mhux mibnija.

**51/07 Materja Oħra u Mistoqsijiet**

51/07/01 Il-Kunsill unanimament iddeċieda li dwar il-każ tar-*Reserved Parking Bay* fil-Pjazza tad-Dejma jinforma lill-TM li bħala Kunsill ma kellnix oġġezzjoni li tinbena bankina jekk TM taħseb li hekk għandu jsir kemm il-darba din ir-*Reserved Parking Bay* tibqa' fl-istess post.

51/07/02 Il-Kunsill irratifika r-risposta li ntbagħtet lill-MEPA dwar il-*Local Plan*. Il-Kunsill informa lill-MEPA li l-bitħa ta' ħdejn is-Sala Parrokkjali hija propjeta' tal-Knisja u li l-Kunsill qed jipproponi li fis-sit tal-ex-Sptar tal-Ferħa tinbena dar għall-anzjani.

51/07/03 Il-Kunsill unanimament approva li mal-ħarga tal-fuljett li jmiss jitqassam *flyer* dwar *Noise Pollution*.

51/07/04 Il-Kunsill innota li TM għal darb'oħra irriffjutaw talba tal-Kunsill sabiex isiru *traffic lights* jew titwessa parti minn Triq il-Ġnien ħdejn il-Palazz tal-Kmand. TM qed isostni d-deċizjoni tagħha tal-2011.

51/07/05 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bqajna ma rċevejna l-ebda risposta għall-ittra tagħna sabiex isir ġemelaġġ. Il-Kunsillier Vincent A. Galea ser jintalab jara jekk iridx isegwi.

**51/08 Aġġornament**

51/08/01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-6.18 pm wara li l-*items* fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nhar il-Ħamis 3 t'April 2014 fis-6.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Louise-Anne Gusman** | **3 t'April 2014** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |